

# L-affaxxinazzjoni tiegħi għaċ-ċinema minn tfuliti sa zogħoziti



**Carmelo Bonnici**

Missieri Pawlu, aktarx darba fil-ġimgħa jew anqas, speċjalment nhar ta' Ħadd kien l-uniku żvog tiegħu jara xi film. Din kienet isservih bħala l-unika ħarġa mid-dar wara ġimgħa xogħol. Billi jien kont il-kbir minn sitt aħwa, meta kelli xi ħames snin jew aktar, ħafna drabi kien jeħodni miegħu, aktar biex jeħles lil ommi minn wieħed. Ġeneralment konna mmorru l-Belt, darba niftakar il-Gaiety, tas-Sliema u rari Birkirkara. Għalkemm kien mill-Mosta, meta fetaħ il-Palladium Theatre xorta aktar baqa' jattendi l-Belt fejn kienu, kull ġimgħa, jintwerew dawk il-films ġodda li joħorġu. Sa hawn, il-mawriet tiegħi miegħu fiċ-ċinema ma ħallew l-ebda impressjoni fuqi.

Meta bdejt nitfarfar sewwa, nhar ta' Ħadd filgħodu u anki f'xi festi pubbliċi, kien jeħodni miegħu l-Mosta biex iżur lill-ġenituri tiegħu. Hawn bdejt karriera ta' forsi madwar tliet snin jew ftit iżjed, fejn kont immur mal-kuġin tiegħi, Joe, naraw il-film tal-10.00am fil-Palladium u wara nerġa' lura għand in-nanniet biex nirritornaw lejn id-dar. Tant kont bdejt nieħu gost b'din ir-rutina, li meta jasal il-Ħadd kont immur għall-quddies kmieni għax kien ikolli leblieba għall-film *matine'e* li kien ikun hemm jintwera. B'seba' soldi konna nidħlu l-kuġin u jien u meta ma kienx ikollna flus, xorta konna mmorru nistennew xi adult nidħlu miegħu. Dak kien iż-żmien propizju li rabba' fija għeruq sodi li affaxxinani bil-kbir għaċ-ċinema.

Pero', l-aqwa żmien ta' ħajti fiċ-ċinema kien meta kont nattendi spiss fit-tlitt teatri ta' Birkirkara. Meta kont għadni mmur fl-

aħħar żmien tiegħi fl-iskola primarja ta' Ħal Lija, fi Triq Sant'Anton, qabel il-ħin kont nidħol f'ħanut tax-xorb qrib u nagħmel il-'homework' ta' tlitt itfal oħra akbar minni, wieħed minnhom jigi mill-familja tiegħi. Nhar ta' Ħadd dawn kienu joħduni fil-Metropole Theatre, Birkirkara għall-'film' tas-2.00pm, iħallsuli l-biljett tad-dħul u anki jixtruli flixkun luminata u pakkett '*crisps*'. Meta dħalt il-Liceo, nhar ta' Sibt filgħaxija kont nattendi l-Mużew ta' Ħal Balzan mas-Superjur Delicata, għat-tagħlim, xi logħob u anki xi xarba b'xejn. Billi kien ikolli xi ħaħa tal-flus fil-but, ġeli bil-moħbi ta' ommi, kont minflok immur it-'*talkies*' Birkirkara. Mhux l-ewwel darba li rajt films twal bħal "The Big Country" u "Rio Bravo" li jiskorru t-8.30pm u kelli neħodha lura d-dar bil-ġiri u b'nifsi maqtugħ.

Qabel dan iż-żmien, ma' ommi u missieri u xi wħud minn ħuti niftakar li konna rajna l-kolossali "Quo Vadis" fit-teatru Lyric, l-Imsida u l-film Taljan, pero' mitkellem bl-Ingliz, "Ulisses" fil-Prince Birkirkara. Minn



**Il-post fejn kien ir-Ritz Cinema.**

reklam li għandi fil-kollezzjoni tiegħi, sirt naf li dan il-film beda jintwera f'Malta għall-ewwel darba propju f'dan it-teatru.

F'Birkirkara, f'ċertu żmien kien hemm erba' teatri – Metropole, Roxy, Prince u Ritz. Dan tal-aħħar bilkemm niftakru, qatt ma dħalt fih u dlonk għalaq meta fetaħ il-Metropole mhux il-bogħod minnu. Naf li ħabib tiegħi, l-mibki Ġużeppi Parnis, kien qalli li meta nhar il-Ħamis 6 ta' Awwissu 1953, il-festa tas-Salvatur ġiet posposta minħabba x-xita, kien mar jara l-mużikali "Annie Get Your Gun" fir-Ritz Cinema.

Nista' ngħid li mis-sena 1959 sal-1975 kont nattendi spiss fit-teatri ta' Birkirkara, ġieli anki 5 darbiet fil-ġimgħa. Dawn kienu s-snin tad-deheb għalija li għamlu lil din is-*seba' arti* tant għal qalbi. Matul dan il-perjodu rajt ukoll diversi films fiċ-ċinemas tal-Belt, l-aktar dawk epiċi li kienu jidhru fit-teatru Coliseum [mgħammar bl-apparat 70mm] u l-Ambassador fejn kienu jdumu ġimgħat sħaħ. Dawn kont nerġa' narahom meta jaslu Birkirkara u anki meta jkunu '*reissued*' [jerġgħu joħorġu għall-wiri xi ftit snin wara]. Bqajt nattendi wkoll, mhux ta' spiss, fit-teatru Palladium, Mosta u kultant anki l-Ħamrun, tas-Sliema u Raħal Ġdid.

Il-fanatiċiżmu tiegħi għaċ-ċinema beda jirranka meta fil-31 ta' Awwissu 1961, meta kont għadni l-Liceo, ġieni ħsieb li nieħu nota ta' kull film li nara, u nikteb l-isem wara l-biljett tad-dħul. Inqas minn sentejn wara, bdejt bil-mod il-mod, matul is-snin, nakkumula kollezzjoni vasta ta' affarijiet [magazines, ritratti, kupuni, eċċ.] li għandhom x'jaqsmu mal-'films' u l-artisti. Fil-preżent, nipposedi mijiet ta' biljetti taċ-ċinema, xi 60 pitazz miktubin bil-films li rajt, xahar wara xahar u ħafna materjal ieħor.

## Metropole Cinema

Dan kien l-isbaħ u l-aktar teatru modern ta' Birkirkara u fis-sajf kien jiftaħ is-saqaf. Għall-bidu, attendejt ħafna drabi f'dan il-post, pero' billi ġieli kien ikun hemm ħafna



**Il-Metropole Cinema fi Triq l-Isqof Labini.**




**Ir-Roxy Cinema fi Triq Fleur-de-Lys.**

storbju, ma bqajtx immur daqshekk. Kienet il-ġurnata tas-Sibt waqt il-film "Birdman Of Alcatraz", wieħed mill-aktar produzzjonijiet kommoventi li rajt f'ħajti, li l-istorbju tant kien kbir li ddeċidejt li ċerti 'films' serji aħjar narahom band'oħra. Il-Metropole kien l-eqreb ċinema li wieħed jilħaq minn Ħal Lija u f'inqas minn kwarta ġieli wasalt hemm. Meta d-dawl ta' qamar kien jinzerta eżatt fuqna bis-saqaf miftuħ kien itellef xi ftit. Darba, bdiet tqattar ix-xita, imma dlonk ingħalaq.

Meta kien ikun wasal il-ħin biex jibda l-film, id-dawl kien jitbaxxa u tindaq is-sabiħa *'signature tune'* "Apache" tal-grupp The Shadows. Tanti l-makkinista [*projectionist*] kien tal-affari tiegħu tant li f'diversi 'films' epiċi kien ukoll jinstema' l-prologu ta' ftit minuti mużika qabel il-'film' propju u l-istess kien isir eżatt wara l-interval ukoll bid-dawl baxxut. Din il-ħaġa nnotajta l-ewwel f'"The Alamo", "Ben Hur" u oħrajn. Kienu qaluli li dan it-teatru kien fetaħ bil-film "Slaves Of Babylon" aktarx fis-sena 1954.

## Roxy Cinema

Għalina ta' Ħal Lija, r-Roxy kien l-aktar teatru mbiegħed, fil-bidu ta' Triq Fleur-de-Lys. F'ħajti, dan kien l-aktar post li rrikorrejt fih għax hemm sibt l-atmosfera ideali fejn wieħed jara film fil-kwiet u l-paċi, anki meta kien ikun mimli bin-nies. Meta rari kien ikun hemm l-istorbju, Duminku Pace, dak li kien jissorvelja u jaqta' nofs il-biljett qabel tidħol ġewwa, kien jiġi jsikkithom. Meta kienu jisfidawh, kien imur f'ħanut fil-qrib u jġib xi tnejn biex ikeċċu l-barra lil dawk storbjużi.

Wara xi żmien, kont sirt ħabib ħafna mas-Sur Salv Caruana, raġel serju, pulit, tal-affari tiegħu mill-Marsa, li kien il-maniġer. Kien qalli li kien ilu hemm sa mill-1944. Dan it-teatru kien ilu miftuħ aktarx mis-snin għoxrin jew fil-bidu tat-tletin. Biex fil-Ħdud u l-Festi kont tilħaq post tajjeb, anki fil-Metropole u kważi t-teatri kollha ta' Malta, kont trid taqta' minn fost il-ġimgħa. Il-liżar

ta' dan it-teatru kien 'il ġewwa wara l-palk u b'hekk fl-ewwel ringieli xorta kont tara komdu bħal ma ġara lili meta rajt "The Nun's Story". Raġuni oħra għaliex kont nattendi fir-Roxy ta' spiss bejn l-1965 u l-1970 hija li kont niltaqa' ma' ħabib tiegħu li kien joqgħod qrib iċ-ċinema u li konna fl-istess klassi għal xi snin fl-iskola primarja.

Fl-1973 kien ġie installat apparat ġdid tal-ħoss, Westrex Sound System. Ħaġa kurjuża kienet meta darba, l-Ħadd wara li spiċċat il-wirja tas-6.00pm, qadt ftit nitkellem mas-Sur Salv ħdejn il-kabina tiegħu waqt li kienu deħlin ruxmata nies għax-'show' tal-aħħar, daħal wieħed mal-mara jew l-għarusa. Meta staqsieni jekk nafux għidtlu le'. Qalli li dak kien il-makkinista tal-Metropole li meta ma jkunx xogħol kien jippreferi jara film fir-Roxy.

Xi ftit drabi mas-Sur Salv, jiena u ħabib ieħor li kellu karozza, wara li jispiċċa x-xogħol f'xi l-10.30pm konna mmorru naraw film f'teatru Ħaż Żabbar jew Raħal Ġdid. Dawn kienu bit-Taljan, miżmuma miċ-ċensura, pero' fil-preżent jgħaddu sparati b'ċertifikat baxx. Meta fis-7 ta' Novembru 1974 rajt "The Ruling Class" fix-'show' li bdiet wara t-8.30pm għax kien twil, il-ftit nies li kien baqa' sal-intervall telqu kollha u bqajt waħdi. Is-Sur Salv ġie ħdejja jkompli jara l-film miegħi, anzi offrejtlu wkoll biex iwaqqfu. Hu ma riedx u anki kellu wieħed bit-taxi jistenna fl-aħħar ringiela. Kont wasalt d-dar qrib nofs il-lejl, bi grizmejja jaħarqu għax għaġġilt u kienet ġurnata kiesħa b'riħ qawwi.

Nhar il-Ħadd 5 [jew 6] ta' Ġunju 1975, is-Sur Salv iddeċieda li jagħlaq ħabta u sabta. Fil-ġurnata ta' qabel kien hemm ħafna storbju waqt il-film ta' Woody Allen "Love & Death" li ma setgħux ilaħħqu miegħu u qalli li kien se jkun ħati ta' disgrazzja. Wara reġa' fetaħ taħt diriġent ġdid, fejn is-sid kien aktar moħħu juri 'films' tal-azzjoni, speċjalment tal-'kung fu' u dawk tas-sess li kien in voga ħafna fil-perjodu. Wara, bdejt aktar nattendi l-Metropole fejn is-sitwazzjoni tal-istorbju naqset ferm u mill-1977 'il quddiem kont immur spiss il-Belt u anki tas-Sliema.




**Il-Prince Cinema fi Triq il-Wied.**

## Prince Cinema

Minn fuljett li għandi [BIRCHIRCHARA TALKIE CINEMA] jidher ċar li dan it-teatru kien ilu miftuħ minn żmien iċ-ċinema mutu. Għal żmien twil kienu jintwerew hemm films Taljani, ġieli wkoll mitkellma bl-Ingliż. Wieħed li tassew kien impressjonani kien "Ballata Di Un Soldato" [Ballad Of A Soldier], produzzjoni bi storja sempliċi imma tassew kommoventi, film Russu eċċellenti, bla kulur, tassew imfaħħar u rebbieħ ta' diversi unuri. Meta kien juri films bl-Ingliż, bħaż-żewġ ċinemas l-oħra ta' Birkirkara, dawn kienu jkunu xogħlijiet li diġa' ntwerew qabel, ġieli anki aktar minn sentejn fil-Metropole u Roxy.

Wieħed mill-'films' li kont tlift u li wieħed ħabib tiegħi ħeġġiġni biex narah akkost ta' kollox kien il-Western sabiħ "The Bravados" bl-attur Gregory Peck. Jien għidtlu li qed nistennieh minn ġurnata għall-

oħra jintwera fil-Prince. Dan il-ħabib kien miet malajr u x-xitan ried li ntwera l-

Erbgħa f'Gunju 1963, dak inhar tal-funeral tiegħu. Niftakar li darbtejn biss kont mort il-Ħadd fis-6.00pm nara "Red River" [li kien reġa' ħareġ] u "Moby Dick". Billi t-teatru kien mimli konna ħriġna minn bieb tal-ġenb li jagħti għat-triq dejqa ta' maġenb it-teatru.

L-unika darba li kienu żammewni milli nidħol gewwa kien f'dan it-teatru f'Mejju 1964 għall-film "The Mark" li kien ikklassifikat "over 21" dak iż-żmien. Ħabib tiegħi, iżgħar minni pero' itwal kien daħal. Minflok, bqajt sejjer ir-Roxy nara "The Spanish Sword"

Qatt ma kont nobsor li se ngħaddi diversi xhur fl-1962/63 niffrekwenta ħafna drabi kull ġimgħa it-teatru Prince. Meta kont fil-karozza tal-linja biex immur il-Liceo fil-bidu ta' Marzu 1962, nilmaħ kartellun kbir u oħrajn mal-faċċata ta' "Johnny Guitar", li ziju tiegħi mill-Mosta kien spiss isemmili u jfaħħarli. Bdilt il-pjanijiet kollha li kelli u mort dakinhar stess narah. Il-Prince beda jġib dawn il-films qodma ta' ħafna snin qabel tal-kumpaniji Republic Pictures u RKO Radio l-aktar, żewġ kumpaniji ta' Hollywood li kienu spiċċaw joħorġu films fl-1958 u 1959. Dawn issa ġew maħruġa mill-kumpanija Ingliża Grand National Films u għal xhur sħaħ kważi ma fallejtx wieħed. Ġieli qabel il-film kienu jintwerew Chapters ta' madwar 15-il minuta l-wieħed ta' *serial films* bhal "Flying Disc Man From Mars", "Desert Agent" u oħrajn li kienu jinbidlu kull ġimgħa. Kien hawn li bdejt kollezzjoni vasta ta' materjal ċinematografiku.

F'Novembru 1962 rajt il-film "13 Ghosts", li ma kien xejn film tal-biża' fir-Roxy. Kienu tawna nuċċali b'naħa wahda tertuqa roża u naħa oħra ċelesti, biex meta jidhru dawn l-iħirsa qishom minn xi film animat [cartoon] min irid jarahom iħares minn naha waħda tan-nuċċali u mill-oħra ma jidhrux. Din kienet *gimmick* oħra tad-direttur William Castle. Wara li spiċċa l-film kont mitlub nirritorna dan in-nuċċali jiena u ħiereġ. Iżda, biex inżommu tifkira għidtlu li ħallejtu fuq is-siġġu. Dan għadu għandi sallum!

Fil-bidu ta' Lulju 1964, wara li rajt il-film "The Running Man", fi triqti lura mill-Metropole x'ħin wasalt ftit l-isfel mit-Torri, ħdejn Triq Giovanni Barbara rajt fil-bogħod ħafna bħall-murtal fis-sema li jisplodi mingħajr l-ebda ħoss. L-għada wkoll fl-istess ħin tat-8.20pm u kwazi fl-istess post ġara l-istess u erġajt skantajt. Mill-gazzetta, xi jumejn wara, sirt naf li dawk kienu provi ta' testijiet ta' *rockets* fi Sqallija.

Meta kelli bilfors nistudja, t-Taljan fi ftit xhur, għall-"A" Level tal-G.C.E. biex inkun nista' nidħol it-Teachers' Training College fi Frar tal-1968, kont immur għall-lezzjonijiet tal-privat ħdejn l-Akwedott. Kont nispiċċa fis-7.00pm nibqa', dieħel ir-Roxy f'nofs il-film u nkompli nara l-parti ta' qabel li tlift fix-show tal-aħħar. L-ewwel film li rajt b'dan il-mod kien "That Man From Istanbul",

parodija ta' James Bond. Ma kontx inkun f'sikkti jekk ma mmurx fit-talkies anki meta kelli l-eżamijiet tal-"O" Level tal-G.C.E.

Ġieli kont immur il-Ħamrun niltaqa' mas-Sur Salv Caruana, meta spiċċa jieħu ħsieb ir-Roxy u nieħdu kafe' hemm u kien joqgħod jirrakkontali. Waħda nteressanti kienet meta talab biex juri "Joan Of Arc" l-ewwel f'-Malta fir-Roxy flimkien mal-Gaiety Theatre f'tas-Sliema. Għall-bidu, l-Gaiety mar ħafna aħjar, iżda wara tliet ġimgħat irranka bil-kbir fir-Roxy bl-attendenzi tal-iskejjel u anki tal-kleru.

## Konkluzjoni

Fil-preżent, meta niftakar fiż-żmien twil sabiħ li qattajt fit-teatri ta' Birkirkara taqbadni nostalġija ta' ferħ intern li ma nħossx bħalu llum minkejja l-avvanz tekniku stupend li sar kemm fil-films u kemm fit-teatri.